Rikors ippreżentat fil-15 ta' April 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-47/11)

(2011/C 252/123)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: W. Bode, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annullament tad-deċiżjoni dwar l-esklużjoni tar-rikorrenti mill-kompetizzjoni ġenerali EPSO AST/100/09, u talba għal aċċess għal informazzjoni dwar l-iżvolġiment tal-kompetizzjoni.

Talbiet tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti titlob lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jogħġbu:

— jordna lill-konvenuta tipprovdi informazzjoni eżawrjenti dwar l-iżvolġiment tal-kompetizzjoni sad-data tal-att preżenti u dwar l-eżamijiet individwali, inkluż il-proċess tal-evalwazzjoni tal-imsemmi eżamijiet, b'mod partikolari, iżda mhux eklużivament,

— jiggarantilha d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti kollha dwar il-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-kompetizzjoni, li għandha l-konvenuta, inklużi d-dokumenti dwar l-evalwazzjoni tal-eżamijiet tar-rikorrenti;

— jipprovdilha informazzjoni fattwali dwar kif ingħataw 12-il punt lir-rikorrenti fl-eżami prattiku (a);

— jipprovdilha informazzjoni dwar l-iżvolġiment tal-kompetizzjoni inġenerali, inkluża n-notifikazzjoni tan-numru ta' kandidati li pparteċipaw fl-eżamijiet orali u prattiċi, tan-numru ta' kandidati li għaddew mill-eżami orali, tan-numru ta' kandidati li għaddew mill-eżami prattiku (a), tal-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti mill-Bord tal-Għażla — pereżempju tabelli ta' evalwazzjoni, dispożizzjonijiet li jipprovdu li punti partikolari jingħataw lil ċerti partijiet tal-eżamijiet individwali jew abbażi ta' kriterji partikolari ta' evalwazzjoni —, tal-punti li kisbu kandidati oħra fl-eżamijiet prattiċi (a) u (b), kif ukoll informazzjoni dwar kif ġew stabbiliti tali punti;

— jannulla n-notifikazzjoni tal-konvenuta tat-28 ta' Settembru kif ukoll id-deċiżjoni ta' konferma tal-5 ta' April 2011, bl-effett li jingħata kunsens sabiex ir-rikorrenti tipparteċipa sussegwentement fil-kompetizzjoni, u jipprovdi, b'mod partikolari, l-ewwel nett, il-korrezzjoni tal-eżami prattiku (b) tar-rikorrenti

— jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż ġudizzjarji sostnuti mir-rikorrenti fit-tliet proċeduri amministrattivi kif ukoll fir-rikors preżenti.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' April 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-51/11)

(2011/C 252/124)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: P. Giatagantzidis u K. Kyriazi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annullament tad-Deċiżjoni tal-EPSO li tinfetaħ mill-ġdid il-proċedura tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/77/06 u li tistieden lir-rikorrent sabiex jipparteċipa mill-ġdid fl-ewwel fażi ta' din il-kompetizzjoni.

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-EPSO li tinfetaħ mill-ġdid il-proċedura ta' kompetizzjoni;

— tannulla d-deċiżjoni tal-EPSO tal-11 ta' Marzu 2011;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-55/11)

(2011/C 252/125)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: V. Christianos, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tnaqqas l-allowance għall-edukazzjoni mogħtija lir-rikorrent minħabba li t-tifel tiegħu jirċievi għajnuna finanzjarja mogħtija minn Stat Membru fil-forma ta' borża ta' studju jew self.

Talbiet tar-rikorrent

— jannulla d-deċiżjoni li tnaqqas l-allowance għall-edukazzjoni mogħtija lir-rikorrent;

— jannulla d-deċiżjoni dwar it-tnaqqis retroattiv tal-ammont ta' EUR 936,96 kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni ta' dħul tar-rikorrent għax-xahar ta' Ottubru 2010;

— jannulla d-deċiżjoni dwar it-tnaqqis retroattiv tal-ammont ta' EUR 936,96 kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni ta' dħul tar-rikorrent għax-xahar ta' Novembru 2010;